A.L. 291 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU XXIII TA' 2001)

Regolamenti ta' 2003 dwar Nagħaġ u Mogħoż għat-Tgħammir tar-Razza Pura.

BIS-SAĦĦA tas-setghat moghtija bl-artikolu 34(ċ) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' 2003 dwar Nagħaġ u Mogħoż għat-Tgħammir tar-Razza Pura.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazjoni tar-regoli imnizzla taht id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 89/361/EEC dwar nagħaġ u mogħoż għat-tgħammir tar-razza pura. Dawn ir-regolamenti jkopru problemi żootekniċi li jistgħu jitfaċċaw f'kummerċ ta' nagħaġ u mogħoż tar-razza pura u s-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom ma' Stati Membri.

Definizzjonijiet

2. Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin -

(a) "Ktieb tar-razza" tfisser kull ktieb, reġistru, *file* jew *data medium* :

(i) li jinżamm minn organizzazzjoni jew għaqdiet ta' min irabbi, ufiċċjalment approvata fit-territorju ta' Malta jew ta' Stat Membru li fih dik l-organizzazzjoni jew għaqdiet ta' min irabbi tkun stabbilita, jew minn aġenzija uffiċjali tat-territorju ta' Malta jew Stat Membru in kwistjoni, u

(ii) li fih jiddaħħlu jew ikunu reġistrati nagħaġ u mogħoż għat-tgħammir tar-razza pura, waqt li jissemmew l-antenati tagħhom;

(b) "Nagħaġ u mogħoż tar-razza pura għat-tgħammir" tfisser kull nagħġa, muntun jew mogħża, bodbod li l-ġenituri u n-nanniet tagħhom ikunu mdaħħla jew reġistrati fi ktieb tar-razza ta' l-istess razza u li huwa stess ikun imdaħħal jew reġistrat u eliġibbli biex jiddaħħal;

(c) "Sieheb fil Kummerċ" skond it-tifsira tal-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u ghall-iskop ta' dawn ir-regolamenti għandha tfisser biss -

(i) Stat Membru tal-Komunita' Ewropea;

(ii) Pajjizi Terzi fir-rigward tal-Komunita Ewropea.

Kummerċ ma' Stat Membru f'nagħaġ u mogħoż għat-tgħammir ta' razza pura.

3. Fit-teritorju ta' Malta ma huwiex projbit, ristrett jew miżmum fuq bażi żooteknika-

(a) il-kummerċ ma' Stati Membri f'nagħaġ u mogħoż għat-tgħammir tar-razza pura u s-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom;

(b) l-approvazzjoni uffiċjali ta' organizzazzjonijiet jew għaqdiet ta' min irabbi li jżommu jew jistabbilixxu kotba tal-merħla skond ir-regolament 4.

Artikolu 34 (ċ), ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji

4. Ikun skond ir-rekwiziti tal-Komunita Ewropea u l-proċedura stabbilita fl-artikolu 34 (ċ) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, li jkunu deċiżi -

(a) il-kriterji għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u għaqdiet ta' min irabbi li jżommu jew jistabbilixxu kotba tal-merħla;

(b) il-kriterji għad-dħul u reġistrazzjoni f'kotba tal-merħla;

(c) metodi biex isir monitoraġġ tal-mod kif jgħix u biex ikun stmat il-valur ġenetiku ta' nagħaġ u mogħoż għat-tgħammir tar-razza pura;

(d) il-kriterji għall-approvazzjoni ta' annimal għat-tgħammir bil-għan li jsir użu tas-semen, l-ova u l-embrijoni tiegħu.

Avviż lil Stati Membri ta' organiżżazzjonijiet u għaqdiet ta' min irabbi.

5. It-teritorju ta' Malta għandu javza lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea ta' bl-organizzazzjonijiet u l-għaqdiet ta' min irabbi li huma approvati sabiex iżommu jew jistabilixxu kotba tal-merħla u li jkunu jilħqu l-kriterji deċiżi skond ir-regolament 4(a).

Ċertifikat li jakkumpanja nagħaġ u mogħoż għat-tgħammir tar-razza pura fil-ħin tan-negozju

6. Nagħaġ u mogħoż għat-tgħammir tar-razza pura u s-semen, l-ova u l-embrijoni ta' dawn l-annimali għandhom ikunu akkumpanjati waqt li jkun qed jinbiegħu b'ċertifikat żootekniku mfassal skond l-eżempju stabbilit taħt ir-rekwiziti tal-Komunita' Ewropea u skond il-proċedura mfassla fl-artikolu 34(ċ) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.